Hawnhekk il-vers ta' qabel l-aħħar kien jimxi aħjar li kieku kien mibni hekk: *li naħsel taħt riġlejk bid-dmugħ it-trinek*, għalkemm il-kelma *trinka* (pl. *trinek*) ma tfissirx sewwa sew dak l-ferq li tagħmel is-sikka tal-moħriet fil-ħamrija, li b'kelma iżjed tar-reqqa jissejjaħ *radda* (pl. *raddiet, raded*), kelma li wara kollox biha l-vers ma kienx jagħlaq skond il-kejl tiegħu.

Versi oħra b'immaġinattiva qawwija huma dawk li hemm fl-istanzi mill-vers 325 sa 333; mill-vers 460 sa 465; mill-vers 800 sa 805.

Iżda l-isbaħ vrejjes għall-immaġinattiva huma dawk fejn il-poeta jistħajlu niżel f'qiegħ il-baħar ta' Kap Dimitri fejn il-leġġenda tgħidilna li għad hemm il-Knisja l-qadima ta' San Dimitri, ara versi 750-776, li minnhom nisiltu dawn il-vrejjes: *U rajt għajnejn il-ħut, weqfin, skantati, / iħarsu lejja, kbar u żgħar, bħalkieku / jaħsbu li xi vittma oħra l-baħar bala'. / U rajt il-ħoloq tal-qarnita mriegħda / fiċ-ċaqliq bla mistrieħ tat-tmien dirgħajha, / u rasha tonda u dawk l-għajnejn iżiġġu / lewn il-qawsalla. Rajt l-għerien imberrqa / fejn jinħabbu, jitqabdu u 'l xulxin joqtlu / xejn anqas mill-bnedmin, ulied il-baħar.*

Xi versi 'l hawn u 'l hinn għandhom is-sens maqtugħ f'nofshom, ħaġa li ttellef il-mużikalità u l-mixi ħafif tal-vers. Xi strofi huma mgħobbijin b'sentenzi relativi twal bi ħsibijiet komplementari mdaħħlin wieħed ġo l-ieħor. F'xi espressjonijiet il-kostruzzjoni mhix Maltija biżżejjed. *It-tbewwis taċ-ċkejkna wliedu* (vers 46) kien idoqq wisq aħjar kieku l-aġġettiv *ċkejkna* tqiegħed wara *wliedu*. Hekk ukoll il-vers: *Fejn ma jkunx il-ħażen ħalla* kien jinħass aħjar skond ma trodd il-kostruzzjoni u iżjed wati kieku kien mibni hekk: *Fejn il-ħażen ma jkunx ħalla.*

Sbieħ u jagħalqu tajjeb l-aħħar versi tal-poemett.

Il-versifikazzjoni hija, bħalma għidna, fuq ritmu li jaqbel mal-ħsieb ħiemed jew imgħaġġel, f'kelma waħda mat-tokki tal-polz ta' qalb il-poeta fil-ħolma poetika tiegħu; għalhekk l-istrofi, fil-biċċa l-kbira jvarjaw mill-vers novenarju għall-ottonarju u għall-kwinarju. Il-versi jilħqu mat-820 bl-aħħar 144 vers imqabblin. Il-għala fl-aħħar strofi l-poeta kiser il-vers ħieles f'dak tal-vers imqabbel aħna ma nafux.

Il-poemett, bħala komposizzjoni narrativa-spiritwali, għandu mertu speċjali fil-ġabra tal-poeżiji moderni maltin u jgħaddi fil-wisa' lil xi wieħed li nkiteb qabel u li s'issa kellu wkoll, bħala poemett epiku, il-mertu tiegħu għaż-żmien li nkiteb fiż-żerniq tal-letteratura maltija.

Il-ktieb jiftaħ bi prefazzjoni tal-Prof. Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (London), li fiha l-Professur qal fil-qosor il-karriera letterarja tal-poeta u tkellem fuq il-mertu letterarju ta' dan ix-xogħol bħala komposizzjoni poetika narrativa ta' valur li lill-poeta 'tagħtih isem fil-letteratura ċkejkna tal-Malti''.

a.c.

# ALLA U L-WARD

Minn "My Lady of the Chimney Corner", ta' Alexander Irvine.—Kwadru ħelu ta' omm l-awtur, mara tar-raba' Irlandiża.

*Ta'* GER. AZZOPARDI

Dik il-lejla fir-rokna tad-dar tagħha kienet tinħass hena mhix tas-soltu. Hi kienet liebsa berritta mberfla ġdida u x-xall tal-Ħadd fuq spallejha. Ix-xemgħa kienet tixgħel u ċ-ċumnija kienet imbajda frisk. Hi ġibditni ma' ġenbha u qaltli storja.

Darba, ilu, ilu ferm, Alla kien għajjien u ħa nagħsa ħelwa fuq it-tron Tiegħu. Rasu bejn idejh u sħaba bajda ħbietu. F'daqqa waħda jqum u jgħid:

"Fejn hu Mikiel?"

"Hawn jien, Missier!" qal Mikiel.

"Mikiel, ibni", qal Alla, "irrid karru u karrozzier".

"Kollox sewwa", qal hu. U ġie l-isbaħ karru fil-belt tal-Ġenna, u l-aħjar karrozzier.

"Ibni", qal Alla, "ħu miljun tunnillata mill-aħjar żrieragħ tal-ward tal-Ġenna u agħmel dawra mad-dinja bihom. Ferrixhom ma' ġnub it-triqat u fix-xagħri tad-dinja fejn igħixu l-fqajrin tiegħi".

"Iva", qal il-karrozzier. "kif jogħġob Lilek, Missier. Dan hu l-aħjar xogħol li sa nagħmel kemm ili hawn u nagħmlu bil-għaqal".

"Għadni kif intbaħt f'ħolma", qal il-Missier, "li l-għonja għandhom il-ward kollu hemm isfel u l-fqajrin m'għandhom xejn".

Hawnhekk jien staqsejtha b'liema lsien jitkellem Alla u x'ward kien.

"Għażiż tiegħi", hi qaltli, "Hu jitkellem bl-Irlandiż ma' l-Irlandiżi, u l-karrozzier kien Irlandiż".

"Forsi kienet mara", għidtilha jien.

"Iva, iżda hemm fuq m'hemmx differenza".

"Il-ward kien *primroses*, *buttercups*, *daisies*, u ward ieħor salvaġġ, u minn dak in-nhar sal-lum kien hawn ward bil-qabda għalina lkoll kullimkien!"

GER. AZZOPARDI